MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 1029/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti )**

**vs.**

**Ezye Godwin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Godwin Ezye ta’ 31 sena iben Ezye u Abigail, mwieled gewwa in-Nigerija fl-10 ta’ Ottubru 1979 u residenti gewwa Hal Far Open Centre, Police Boat number 08TTT-61

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Otubru 2010 gewwa l-Ajruport Nazzjonali u granet qabel u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

a) Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Dokument (Italian Residence Permit, jew ghamel uzu jew kien fil pussess ta' dan id-dokument li jaf li kienu iffalsifikat, mibdul jew li sar xi tibdil fuqu, u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi falsifika jew xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti (hawn fuq imsemmi) jew xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal- artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ta jew gieghel jaghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta fatti foloz lil ufficjal tal-immigrazzjoni. Dan bi ksur tal-artikolu 32(1c) tal-kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
d) Ghamel uzu jew attenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal-artiklu 4 ta' Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk dejjem dan ikun il-kaz, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni moghti mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9, biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u li l-partijiet qablu li l-piena ghandha tkun wahda ta' sitt xhur habs effettivi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu; il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u l-fatt li z-zewg partijeit rregistraw qbil dwar il-piena li ghandha tinghata.

In vista tad-dikjarazzjoni ta' l-Ufficjal prosekutur li ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti f'dan il-kaz, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar talba tieghu fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 4 u 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 31 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------